



Pożizzjoni Vakanti: Espert Anzjan fil-Mard Respiratorju – Il-marda tal-Leġjunarji

Unità: Appoġġ għas-Sorveljanza u r-Rispons
Referenza: (ECDC/AD/2018/SRS-SERD)

Qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' Aġent Temporanju ta' hawn fuq fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

Deskrizzjoni tal-impjieg

Id-detentur tal-impjieg ser jirrapporta għand il-Kap tat-Taqsima tal-Intelligence u r-Rispons dwar l-Epidemiji.

Hu/Hi ser ikun/tkun responsabbli b'mod partikolari mill-oqsma ta' ħidma li ġejjin:

- Jikkoordina/Tikkoordina l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-operat ta' kuljum tas-sorveljanza tal-Marda tal-Leġjunarji fl-UE permezz tan-Netwerk Ewropew ta' Sorveljanza tal-Marda tal-Leġjunarji (ELDSNet);
- Jikkoordina/Tikkoordina l-analiżi tad-data ta' sorveljanza, ir-rapportar u t-tixrid ta' informazzjoni dwar il-Marda tal-Leġjunarji;
- Jistabbilixxi/Tistabbilixxi rabtiet mill-qrib bejn iċ-Ċentru u korpi nazzjonali/internazzjonali responsabbli mis-sorveljanza tal-Marda tal-Leġjunarji, kif ukoll rabtiet ma' networks, sħab u partijiet ikkonċernati oħrajn rilevanti;
- Jikkommissjoni/Tikkommissjona u jimmaniġġja/timmaniġġja proġetti ta' studji u konsultazzjonijiet f'oqsma rilevanti, iżda wkoll ikun/tkun lest(a) li jniedi/tniedi, iwettaq/twettaq u/jew jissorvelja/tissorvelja studji ta' fattibilità dwar il-Marda tal-Leġjunarji;
- Jipprovdi/Tipprovdi kontribut fi proġetti rilevanti ffinanzjati mill-ECDC dwar mard respiratorju, b'fokus partikolari fuq il-Marda tal-Leġjunarji;
- Jassisti/Tassisti lill-Istati Membri fit-tisħiħ tas-sistemi ta' sorveljanza tal-mard respiratorju, speċjalment tal-Marda tal-Leġjunarji;
- Jassisti/Tassisti lill-Istati Membri f'każ ta' tfaqqigħa tal-Marda tal-Leġjunarji;
- Jikkontribwixxi/Tikkontribwixxi għal attivitajiet oħrajn tal-ECDC, kif meħtieġ, fil-qasam tal-għarfien espert tiegħu/tagħha;
- Jikkoordina/Tikkoordina d-dmirijiet dwar il-Marda tal-Leġjunarji fl-ECDC u jikkontribwixxi/tikkontribwixxi għalihom b'mod attiv;
- Jikkontribwixxi/Tikkontribwixxi għar-Rispons u għas-sistema ta' xogħol 24/7 tal-ECDC.

Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun kandidat eliġibbli trid tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma attestati b'diploma fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' erba' snin jew aktar, jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma attestati b'diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' mill-inqas tliet snin¹;
- Mill-inqas 9 snin ta' esperjenza professjonali² (wara l-għoti tad-diploma);
- Għarfien profund ta' waħda mil-lingwi tal-Komunitajiet u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra tal-Komunitajiet sal-limitu meħtieġ għat-twettiq tad-dmirijiet tiegħu/tagħha³;
- Nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Li jkun/tkun intitolat/a għad-drittijiet kollha tiegħu jew tagħha bħala ċittadin⁴;
- Li jissodisfa l-obbligi kollha imposti mil-liġijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Li jissodisfa/tissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Li jkun/tkun fiżikament kapaċi li jwettaq/twettaq id-dmirijiet relatati ma' din il-kariga.

B. Kriterji tal-għażla

Biex kandidat jikkwalifika għal din il-kariga identifikajna *kriterji essenzjali* fir-rigward tal-*esperjenza professjonali* u l-*karatteristiċi personali/ħiliet interpersonal*. Dawn huma:

Esperjenza/għarfien professjonali:

- Mill-inqas 5 snin esperjenza professjonali miksuba f'karigi rilevanti għad-deskrizzjoni tal-impjieg;
- Esperjenza bi prova fl-istabbiliment/fit-tħaddim ta' sorveljanza nazzjonali jew internazzjonali għall-mard respiratorju u b'mod partikolari għall-Marda tal-Leġjunarji;
- Esperjenza bi prova f'metodi li jivvalidaw u janalizzaw data dwar il-mard respiratorju, b'mod partikolari dwar il-Marda tal-Leġjunarji, kif ukoll fil-komunikazzjoni tar-riżultati ta' dawk l-analiżijiet lill-awtoritajiet, lill-komunità xjentifika u lil udjenzi usa';

¹ Se jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġa mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija

² Is-servizz militari obligatorju dejjem jiġi kkunsidrat.

³ Barra minn hekk, sabiex ikunu eliġibbli għal promozzjoni permezz ta' eżerċizzju ta' promozzjoni annwali, il-membri tal-persunal għandu jkollhom għarfien operazzjonali ta' tielet lingwa tal-UE, kif deskritt fir-Regolamenti tal-Persunal u r-Regoli ta' Implimentazzjoni applikabbli.

⁴ Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul se jintalab jipprovdi ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juri li ma għandux kondotta kriminali.

- Esperjenza f'xogħol ma' networks ta' laboratorji u/jew fuq programmi ta' sorveljanza tal-laboratorji;
- Familjarità kbira ma' attivitajiet u politiki fl-UE fir-rigward tal-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard respiratorju ewlieni u speċifikament tal-Marda tal-Legġunarji;
- Esperjenza fil-ġestjoni ta' proġetti u fit-tmexxija ta' esperti jew ta' timijiet multidixxiplinari;
- Għarfien eċċellenti tal-Ingliż, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali:

- Immotivat għall-kwalità u orjentat lejn is-servizz;
- Kapaċi jaħdem/taħdem f'kollaborazzjoni u jibni/tibni relazzjonijiet tax-xogħol b'saħħithom;
- Orjentat lejn ir-riżultati;
- Impenjat fit-tagħlim kontinwu u jżomm/żżomm ruħu/ruħha aġġornat(a) mal-iżviluppi fil-qasam tal-għarfien espert tiegħu/tagħha;
- Ħiliet analitiċi eċċellenti;
- L-abbiltà li jagħti/tagħti s-setgħa, iħeġġeġ/tħeġġeġ u jmexxi/tmexxi lil ħaddieħor;

Identifikajna wkoll esperjenzi u ħiliet li huma ta' vantaġġ għal din il-kariga. Dawn huma:

- Grad ogħla post graduate fis-saħħa pubblika, l-epidemjoloġija, jew oqsma relatati;
- Esperjenza fl-appoġġ lill-iżviluppaturi tas-software fil-manutenzjoni u fl-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tad-data;
- Għarfien sod ta' metodi ta' statistika medika (l-użu ta' STATA), ġestjoni tal-informatika u ta' bażi tad-data.

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jasl, il-kumitat tal-għażla jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji tal-għażla msemmija qabel.

Ħatra u kundizzjonijiet tal-impjeg

Id-detentur tal-impjeg ser jinħatar abbażi ta' lista qasira proposta mill-Kumitat tal-Għażla lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat tal-Għażla. Il-kandidati jistgħu jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati jenħtieġ li jinnotaw li l-proposta tista' ssir pubblika u li inklużjoni fil-lista qasira ma tiggarrantixxix ir-reklutaġġ. Il-lista qasira ta' kandidati ser tiġi stabbilita wara proċess ta' għażla miftuħa.

Il-kandidat li jintgħażel se jiġi reklutat bħala Aġent Temporanju, skont l-Artikolu 2f) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, għal perjodu ta' ħames snin li jista' jiġġedded. Il-ħatra se tkun fil-grad **AD 8**.

L-applikanti jenħtieġ li jinnotaw ir-rekwiżit fir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal il-ġdid kollu li għandu jtemm il-perjodu ta' prova b'suċċess.

Għal aktar informazzjoni dwar kundizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

http://ecdc.europa.eu/en/aboutus/jobs/Documents/Staff_Regulations_2014.pdf

Il-post tal-impjieg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

Lista ta' riserva

Tista' tinholq lista ta' riserva u din tintuża għar-reklutaġġ, fil-każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili. Din se tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data tal-iskadenza tal-applikazzjoni u tista' tiġi estiża.

Proċedura ta' applikazzjoni

Biex tapplika jekk jogħġbok ibgħat applikazzjoni mimlija lil Recruitment@ecdc.europa.eu fejn fis-suġġett tal-email għandek tindika b'mod ċar ir-referenza tal-pożizzjoni vakanti u kunjomok.

Biex l-applikazzjoni tiegħek tkun valida trid timla t-taqsimiet meħtieġa kollha tal-formola ta' applikazzjoni, li għandha tintbagħat fil-format tal-Word jew PDF u preferibbilment bl-Ingliż⁵. Applikazzjonijiet mhux mimlija għal kollox jitqiesu bħala mhux validi.

Il-formola ta' applikazzjoni tal-ECDC tista' tinstab fuq is-sit web tagħna hawnhekk: <https://ecdc.europa.eu/en/work-us/vacancies>

Id-data tal-għeluq tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet u aktar informazzjoni rigward l-istatus ta' din il-proċedura tal-għażla, kif ukoll informazzjoni importanti rigward il-proċess tar-reklutaġġ, hija mniżżla fuq is-sit web tagħna u tista' tinstab bl-użu tal-link ta' hawn fuq.

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet mibgħuta, sejrjn jiġu notifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

⁵ Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fl-24 lingwa uffiċjali kollha tal-UE mill-oriġinal tiegħu bl-Ingliż. Peress li l-lingwa tal-operati ta' kuljum fl-Aġenzija hija ġeneralment l-Ingliż, l-ECDC jippreferi li jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.